MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 359/2012

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Magri)**
**Vs**
**Kyle Stone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 141706 (L)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

fl-10 ta' Marzu 2005 fi Triq l-Akwadott, B'Kara, kkommetta serq ta' sett ta' erba` speakers tal-marka "Pioneer" minn vettura tal-għamla Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni FBB 865 għad-dannu ta' Michael Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Fl-istess data u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' l-istess Michael Borg, liema

ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira Maltin (LM50) iżda ma tiskorrix-il ħames mitt lira Maltija (Lm500).

Fl-istess data u ċirkostanzi, xjentement laqa` għandu jew xtara ħwejjeg misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju, 2012, li biha wara li rat l-artikolu 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 267, 271(g), 278(2), 279(a), 280(2), 325(b) u 17(h) u 31 tal-Kap. 9 sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni iżda mhux tat-tielet li minnha lliberatu, kkundannatu sena priġunerija. Billi kienet tal-fehma li l-priġunerija m'għandhiex tkun effettiva applikat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 u ssospendiethom għal erba` snin sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan iż-żmien operattiv ta' din is-sentenza sospiża.

Applikat kontra l-imputat l-artikolu 28H tac-citat Kap u ordnat sabiex żmien mhux aktar minn sitt xhur iħallas €700 lid-derubat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-10 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar id-digriet tal-Ewwel Qorti tat-23 ta' Ottubru 2008 u dak kollu konsegwenzjali għall-istess digriet; fllwaqt li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx ħati tat-tielet akkuża, izda tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab ħati tal-ewwel u t-tieni akkuza, u konsegwentement tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet u l-konsegwenti ħtija u piena inkluż fejn ġie ordnat iħallas kumpens lid-derubat; alternattivament u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad l-aggravji tat-appellant dwar is-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel u t-tieni akkuża u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-ħtija, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġbobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-

piena inflitta għal waħda aktar miti u idonea fid-dawl taċ-ċirkostanzi u n-natura tal-każ kif fuq spjegati.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

L-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija skont l-imputazzjoni kif dedotta, u dan billi r-reat in dizamina sehh fid-9 ta' Marzu 2005 jew fl-10 ta' Marzu 2005. Dan jirriżulta ċar mix-xhieda tad-derubat a folio 19 kif ukoll mill-okkorrenza a folio 16. Id-data indikata fiċ-charge sheet tindika biss id-data tal-10 ta' Marzu 2005. In effetti d-data tad-9 ta' Marzu 2005 ma tiffigura mkien fl-akkuża. Bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti lanqas biss ezaminat dan il-punt sollevat fid-difiża fil-kors tat-trattazzjoni orali, mingħajr ma ċaħdet l-istess, iżda lanqas biss għamlet riferenza u ddeċidiet dan il-punt hekk importanti. Xi provi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti li juri li r-reat seħħ fl-10 ta' Marzu 2005 u mhux fid-9 ta' Marzu? Xejn. Anzi kellha x-xiehda tad-derubat li tgħid b'mod speċifiku li r-reat seta' sehh wara t-8.30pm tad-9 ta' Marzu 2005.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appelli Kniminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Mary Briffa', fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "għall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li sehh "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirrizultax li ġara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frazi "għall-habta ta' "tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-ll siegħa wara.' .*

Illi dan l-istess prinċipju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet 'Pulizija vs Warren Piscopo' u Pulizija vs 'Rita Theuma, it-tnejn deċiżi fid-1 9 ta' Ottubru 2011.

Billi fil-każ odjern mill-provi jirrizulta biss li possibilment il-każ seħħ fl-10 ta' Marzu 2005, iżda jirriżulta mill-istess provi li hu daqstant ieħor possibbli li l-każ seħħ fid-9 ta' Marzu 2005, ma jirriżultax għalhekk fil-grad rikjest mil-ligi, u ċioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li ġara xi incident fil-jum indikat fl-imputazzjoni.

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni aggravju jirrigwarda l-unika prova li wasslet l-Ewwel Qorti sabiex torbot l-imputat mal-akkużi dedotti kontrih, u cioe' l-prova tal-impronti. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti tgħid illi "il-kollegament tas-serq mal-imputat jikkonsisti f'identifikazzjoni pożittiva ta' żewġ impronti tiegħu wara komparazzjoni ma' impronti meħuda u elevati mill-vettura de quo."

Jigi rilevat illi l-espert nominat mill-Ewwel Qorti, Joseph Mallia, ġie awtorizzat sabiex
jagħmel analiżi komparattiv bejn l-impronti li ġew meħuda seduta stante (Dok JMI u JM2) u l-lifters meħuda mill-Pulizija (Dok 05 AVK 301 sa 05 AVK 308). L-espert ikkonkluda illi minn ħdax l-impronta, tnejn ħarġu posittivi. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti tgħid illi l-prova tal-impronti hija "prova biżżejjed għall-konviċju."

Issa ibda biex l-Ewwel Qorti għamlet żball billi ammettiet għall-fini tal-eżami komparattiv, u għalhekk bħala prova, lifters meħuda mill-Pulizila fil-kors tal-investigazzioni tagħhom minn fuq il-vettura derubata u mhux minn espert tal-Qorti nominat fil-kors ta' inkjesta maġisterjali. Dan ma seta' jsir qatt, u l-lifters meħudin ex parte mill-Pulizija u mhux taħt il-kontroll tal-Qorti ma kienu qatt ammissibbli sabiex jintuzaw għal dan il-fini, anke' billi l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda ħjiel tal-expertise o
meno ta' min eleva dawn il-lifters. F'dan il-kaz għalhekk kellna eżerċizzju fejn il-fingerprints tal-imputat li ttieħdu

minn espert tal-Qorti, tqabblu mal-fingerprints ossia lifters meħudin ex parte u minn xi ħadd li ħadd ma jaf jekk hux espert jew le, instab li tnejn minnhom kienu jaqblu, u abbazi ta' dawn l-inammissibilitajiet kollha l-Qorti sabet htija. L-Ewwel Qorti rinfaċċjata ma' dan ix-xenarju naqset milli tikkonsidra dan l-argument u ddikjarat biss fis-sentenza tagħha li ma "issib xejn irregolari fl-elevar ta' impronti minn fuq vettura fl-assenza ta' inkjesta maġisterjali", meta l-kwistjoni ma kinitx jekk hemm xi ħaġa irregolari li l-Pullzija televa impronti, imma dwar l-ammissibilita' fi proceduri penali ġudizzjari ta' tali lifters.

It-tielet aggravju hu - u kieku wiehed kellu għall-mument jaċċetta li l-lifters elevati mill-Pulizija u mhux minn espert tal-Qorti jagħmlu prova f'din il-kawża - illi fil-kors tal-investigazzjoni tal-Pulizija, PS 659 Jeffrey Hughes kien eleva numru ta' impronti kemm minn ġewwa kif ukoll fuq barra tal-vettura tad-derubat, total ta' tmien lifters. In effetti r-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti, Joseph Mallia, tgħid illi minn dawn il-lifters kollha, l-unici żewġ impronti li qablu mal-impronti tal-imputat kienu tnejn minn dawk li ttiehdu minn fuq barra tal-vettura. Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, kieku l-impronti li ħarġu pożittivi kienu ġew elevati minn ġewwa l-vettura tad-derubat, u dejjem jekk tali lifters kienu gew meħudin ritwalment, allura f'tali każ l-Ewwel Qorti ikollha ragun li ssib il-htija. Iżda f'dan il-każ għandna s-sitwazzjoni fejn għax instab il-fingerprint tal-appellant fuq il-bieba tal-vettura li giet sgassata, instabet ħtija li kien l-appellant li seraq minn din il-vettura. Dan iflsser li kull persuna li tkun fit-triq trid toqgħod attenta ferm li ma tmiss mal-ebda vettura, jew li ma tistrieħ mal-ebda vettura, għaliex faċilment tista' ssib ruħha fl-inkwiet mal-Pulizija u mal-liġi. Għalhekk jingħad li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi waħda unsafe and unsatisfactory.

Ir-raba' aggravju jikkonċerna dik il-parti tas-sentenza fejn jingħad li l-imputat m'offriex
spjegazzjoni għas-sejba tal-impronti tieghu fuq il-vettura derubata. Jinghad bir-rispett, xi spjegazzjoni ried joifri l-imputat? Jinghad li hawn m'għandniex każ bhal dak mertu tal-kawza deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizia vs Paul Michael Kavanagh, fejn dak

kien kaz fejn instabet fingerprint fuq jewel box li kienet tinsab gewwa residenza. F'dak il-kaz, il-Qorti ikkonkludiet li "M'huwiex tenut għall-prosekuzzjoni illi ġġib il-provi ta' kif dak l-impront instab fuq ix-xena tad-delitt. L-unika inferenza illi tista' tagħmel fuq din il-prova hija li l-akkużat kien preżenti waqt is-serqa fix-xena tad-delitt biex ħalla l-impront tieghu fuq il-jewel box". Il-Qorti qalet ghalhekk li kien jispetta lill-imputat li jirribatti dan, imqar sal-grad tal-probabbli.

Illi iżda ċ-ċirkostanzi li għandna quddiemna fil-kaz odjern huma differenti mill-każ appena citat. F'dak il-każ, il-konklużjoni tal-Qorti kienet waħda leġittima, għaliex hi inferenza legittima li jekk tinsab fingerprint fix-xena tad-delitt u cioe' minn fuq jewel box li l-kontenut tagħha ġie misruq, u dan minn go residenza li ghaliha l-akkuzat ma kellu l-ebda access, allura l-presunzjoni li kien il-persuna li tiegħu jappartjeni dak il-fingerprint li seraq l-istess treġġi, fl-assenza ta' spjegazzjoni plawsibbli.

Imma dan mhux l-istess fil-kaz odjern. Hawn qed nitkellmu fuq fingerprints li nstabu fuq barra ta' vettura li titħalla flt-triq, u fuq ġewwa tal-vettura ma nstabu l-ebda fingerprints tal-akkużat. Issa kieku kien l-akkużat li seraq minn din il-vettura u cioe' l-istereo tagħha, kif jigi spjegat li ma nstabu l-ebda fingerprints tiegħu fuq ġewwa tal-vettura? Dan hu li kellha tispjega l-Prosekuzzjoni, u mhux l-imputat, għaliex din hi osservazzjoni mill-aktar importanti. Mhux hekk biss, il-kumment tal-Ewwel Qorti li l-imputat ma tax spjegazzjoni ta' kif il-fingerprint tiegħu kien fuq dik il-bieba tal-vettura kien wiehed leċitu?

Nieħdu l-ipotesi li llum il-ġurnata, l-avukat sottoskritt jigi rinfaċċjat b'allegazzjoni mill-Pulizija li sentejn ilu, sgassa u seraq minn vettura li kienet parkeggjata fi triq f'Tas-Sliema, u li l-Pulizija ghandha prova li kien hu billi instabu l-fingerprints tieghu fuq barra tal-vettura. Għalkemm is-sottoskritt hu arċi-konvint u ċertissimu li dan m'huwiex minnu, jekk ser jigi biex joffri spjegazzjoni kif hemm il-fingerprints tiegħu fuq din il-vettura, xi spjegazzjoni ser joffri? Qed jigi rinfaccjat b'din l-allegazzjoni sentejn wara, mela allura l-memorja ta fejn seta' kien sentejn qabel

certament li ma hix ser tghin wisq. Jista' joffri spjegazzjoni li Tas-Shiema jmur jixtri, li jmur jimxi, li johrog fi stabbihimenti u postijiet ta' divertiment li jinsabu f'Tas Sliema, u li seta' miss din il-vettura waqt li kien qed jagħmel dan.

F'dan il-każ, fin-nuqqas ta' ebda prova konvinċenti, l-Ewwel Qorti giet rinfaccjata b'ferm izjed minn a lurking doubt, u dan aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra illi din kienet l-unika "prova" li dwarha l-Ewwel Qorti waslet ghal sejbien ta' ħtija.

Il-ħames aggravju, importanti ferm, jirrigwarda l-fatt illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex is-setgħa li tordna li jittieħdu l-impronti tal-akkuzat. Għalhekk qed isir appell mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-23 ta' Ottubru 2008.

In effetti kieku l-Ewwel Qorti meta nnominat l-espert kienet fil-vesti tagħha ta' Qorti Istruttorja, allura m'hemmx l-iċken dubju illi l-Qorti kellha s-setgha illi tordna illi jittiehdu tall impronti, u dan skont is-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 397 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi rilevat illi s-setgħa li taħtar espert sabiex jittieħdu l-impronti tal-imputat hija setgha li nsibuha biss fis-Sub-titolu II tat-Titolu II tal-Kap.9 u cioe' s-Sub-titolu intitolat "Fuq il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja". Jekk dak li jkun janalizza d-dispozizzjonijiet taht iz-zewg sub-titoli jinnota li ma teżistix dispożizzjoni analoga fis-Sub-titolu I u cioe' f'dak li jirrigwarda s-setgħat li bihom hi vestita l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Fil-kaz in ezami, meta l-Ewwel Qorti tat id-digriet tat-23 la' Ottubru 2008, hi kienet fil-
vesti tagħha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fl-istess udjenza tat-23 ta' Ottubru
2008 meta dan il-punt gie sollevat mid-difiza, l-istess Qorti ddekretat illi ser tipprovdi f'dan ir-rigward aktar 'l quddiem. Kull ma qalet l-Ewwel Qorti fls-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 hu li dan l-argument mhuwiex qed isib l-akkoljiment tal-Qorti. Bir-rispett kollu, il-Qorti tal-Magistrati lanqas tat raguni jew spjegazzjoni ghal din il-konkluzjoni taghha. Iċ-ċaħda tal-Ewwel Qorti għall-argument tad-

difiza ma giet bl-ebda mod sostanzjata u dan huwa nuqqas serju meta wieħed jikkonsidra li l-Ewwel Qorti marret oltre l-poteri tagħha u eżercitat setgħa spettanti lilha biss bħala Qorti Istruttorja.

Illi għalhekk huwa ċar li l-Ewwel Qorti bir-rispett ma setgħet qatt tasal li ssib ħtija fl-appellant.

Dwar il-piena

Illi subordinatament għal dak fuq premess u mingħajr ebda preġudizzju għall-istess, jirriżulta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi waħda eċċessiva. Tali piena ġiet kalibrata ħażin fiċ-ċirkostanzi tal-każ, billi kien hemm diversi fatturi li juru li tali piena ma kinitx dik indikata.

Illi għalkemm l-appellant għażel li jikkontesta l-akkużi miġjuba kontrih, kif kellu kull dnitt li jagħmel, dan m'għamlux b'mod frivolu iżda ghax verament emmen u għadu jemmen li ma kienx hati ta dak miġjub fil-konfront tiegħu. Għalhekk tali kontestazzjoni, la kienet waħda leali u mhux frivola, ma kellhiex ikollha effett daqstant drastiku fuq l-iskont fil-piena li solitament jingħata lil min jammetti l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, fis-sens li hu evidenti li l-piena kieku ġiet reġistrata ammissjoni kienet ser tkun ferm anqas minn hekk, tant li l-Prosekuzzjoni fl-ewwel udjenza kienet għamlet suġġeriment li jkun hemm ammissjoni u l-appellant jingħata a conditional discharge, proposta li ma ġietx aċċettata għaliex l-appellant dejjem sostna li ma kienx ħati.

Illi jirrizulta wkoll li l-appellat hu 'a first-time offender'. Ukoll, fid-data inkriminata kellu biss dsatax-il sena. L-appellant qatt ma kien involut la f'riċettazzjoni, la f'serq u lanqas f'reati simili. Illi għalhekk jirriżulta li l-piena erogata ma kinitx dik xierqa u hu indikat li din tiġi temperata.

Ikkonsidrat

Li parti minn dan l-appell huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll jekk tqajmu diversi punti legali. Il-prattika tal-Qorti tal-Appell

Kriminali f'appelli bħal dawn hija li ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din il-Qorti setgħet tasal għal din il-konklużjoni legalment u raġjonevolment. Filfatt fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg' tas-17 ta' Settembru 2008, Appell Kriminali 27/2008 preseduta mill-Imħallef l-Onor Dr Joseph Galea Debono intqal hekk:

'Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw prinċipalment l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Illi trattandosi ta' apprezzament tal-fatti, hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinetx ragjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx ragjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konklużjoni (ara f'dan issens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs.Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs.Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]; **"Il-Pulizija vs.Anthony Zammit"** [31.5.1991] u oħrajn .)'

Għalhekk il-Qorti għamlet analiżi tal-provi kif jidher hawn taħt.

Fit-8 t'Ottubru 2007 xehed l-Ispedttru Carmelo Magri. Ix-xhud irrefera għar-rapport magħmul fl-10 ta' Marzu, 2005 magħmul minn Michael Borg li persuni mhux magħrufa kienu sgassawlu l-vettura FBB 865 Honda Civic u minn ġo fiha nsterqulu erba' speakers li l-valur tagħhom kien

jeċċedi l-mitt lira. Il-karozza kienet ipparkjata fi Triq l-Akwedott, Birkirkara. L-appellant ittieħed fuq il-post fejn kienet ipparkjata l-karozza iżda fl-istqarrija tiegħu magħmula fit-28 t'April, 2007, huwa innega l-involviment tiegħu fis-serqa. Huwa ma sabx oġġezzjoni li jittieħdu l-fingerprints tiegħu.

Xehed PC 214 Luke Bonello li esibixxa l-okkorrenza.(fol 16) (Dok LB). Din turi li d-data tal-inċident setgħet seħħet mid-9 ta' Marzu 2005 fis-19.30 sal-10 ta' Marzu, 2005 fis-07.15. Kien irrapporta s-serqa s-sur Micahel Borg (ID 0345278)(M). Dan kien qal li l-karozza kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tiegħu. Huwa kien sab li l-bieba tan-naħa tal-passiġġier kienet elevata u miftuħa. Xi persuna kienet ħaditlu hi-fi equipment b'kollox 4 Pioneer speakers, tnejn black u tnejn silver.

Xehed ukoll is-sur Michael Borg li qal li l-karozza kien xtraha erbat ijiem qabel. Huwa kien għamel ir-rapport fl-10 ta' Marzu, 2005 madwar is-sebgħa u nofs ta' filgħodu. Ix-xhud qal li kien ipparkeeġġja l-karozza fit-8.30p.m. Huwa sab il-vettura sgassatha u l-bieba tal-passiġġier livata u kellha l-ħġieġa tal-istess bieba mkissra. Minn ġewwa l-vettura kienu ittiħdulu l-ispeakers u nuċċali.

Bħala ħsara kellu l-levatura fil-bieba u l-ħġieġa mkissra. Il-ħsar kienet tammonta għal madwar Lm150. L-ispeaker li sab neqisn kienu jiswew xi mija u għaxar lira u n-nuċċali kien iżjed minn erbgħin lira. Lill-appellant qatt ma kien rah u ma kienx jafu. Il-Pulizija kienu qalulu biex jieħu l-karozza fl-uffiċju tal-Forensika tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Hemm saru eżamijiet għall-impronti diġitali.

Fil-verbal a fol 24 hemm l-oġġezzjoni tal-avukat difensur għat-teħid tal-impronti diġitali tal-imputat (appellant) minħabba li, skont id-difiża, l-artikolu 397(3) tal-Kap 9 japplika biss għal meta l-Qorti tkun Qorti Istruttorja.

Xehed ukoll PS 659 Jeffrey Hughes li qal li fil-jum imsemmi huwa kien tal=għassa u sid il-karozza kien intbagħat il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex isiru l-impronti diġitali fuq il-vettura, kemm ġewwa u kemm

barra. Huwa eleva xi lifters kif jidher fir-rapport tiegħu. Dawn instabu fil-postijiet kif indikati hawn:
(a) Fuq il-bieb tal-passiġġier minn barra;
(b) Fuq il-ħġieġa tal-bieba tal-passiġġier minn barra;
(ċ) Fuq il-ħġieġa tal-bieba tal-passiġġier minn barra; (u hekk ukoll għall-055 AVK 304; 05 AVK 305; O5AVK06;

Iżda skont 05 AVK 307 – kien hemm impronti diġitali fuq il-ħġieġa tal-bieb tal-passiġġier minn ġewwa;

U skont 05 AVK 308 - kien hemm imronti diġitali misjuba fuq il-ħġieġa tal-bieb tal-passiġġier minn ġewwa.

A fol 33, mill-verbal jirriżulta, il-Prosekuzzjoni talbet li jixhed PS 46 Charlo Casha sabiex jesibixxi l-formola tal-impronti diġitali li kienu ttieħdu mill-imputat fit-28 t'April 2007 skont la-rtikolu 73 tal-Kap 164 kif ukoll skont l-artikolu 346 et seq tal-Kap 9. Il-Qorti ċaħdet it-talba u ordnat lil Joseph Mallia, preżenti fl-awla jespleta dan l-inkarigu.

Xehed Brian Farrugia għan-nom tal-ADT u kkonferma li l-karozza FBB-865 lli fl-10 ta' Marzu 2005 din il-karozza kienet irreġistrata f'isem Michael Borg (ID 345278(M)).

Xehed Joseph Mallia li kien ħa l-impronti diġitali seduta stante. Il-komparazzjoni pożittiva rriżultat mill-impronta li kien ħa x-xhud stess tal-l-imputat mal-lifter illi hu d-dokument 05 AVK 301.

Mir-rapport tas-scene of the crime tirriżulta li nġabret minn fuq il-bieba fuq barra. L-impronta l-oħra ġiet elevata mill-ħġieġa tan-naħa tat-tieqa tan-naħa tal-passiġġier fuq barra.

**L-Ewwel Aggravju**

Fiċ-ċitazzjoni d-data hija indikata bħala fl-10 ta' Marzu, 2005. Mix-xhieda tad-derubat jirriżulta li r-reat seħħ wara it-8.30pm tad-9 ta' Marzu, 2005.

L-appellant jirreferi għall-każ 'Il-Pulizija vs John Mary Briffa' tat-18 t'Ottubru 2005 fejn il-ħin kien indikat 'għall-ħabta tas-7.30pm' meta l-inċident seħħ 'għall-ħabta tas-7.30am.'

Il-Qorti tinnota li hemm differenza bejn il-każ ċitat u dak odjern. Il-każ ċitat dwar offiża li persuna għamlet lil persuna oħra. Issa hemm inċidenti li jsiru f'ħin fiss jew kważi fiss għax jista' jkun hemm varjazzjoni ta' xi minuti fl-indikazzjoni fuq iċ-ċitazzjoni. Hekk, per eżempju, inċident b'xi vettura, offiżi ħfief jew serji fuq il-persuna, jew theddid jew offiżi bħalma ssemma fil-paragrafu ta' qabel iseħħu f'ċertu ħin għaliex il-ħabta, l-offiża serja jew it-theddida ssir f'mument partikolari. Jekk fiċ-ċitazzjoni jkun indikat il-ħin, allura l-inċident irid ikun seħħ dak il-ħin indikat jew f'xi mumenti qrib ħafna tiegħu. Ma jistax dak li jkun indikat li sar fis-7.00am jkun effettivament seħħ fis-7.00pm jew vici versa. Ħin jeskludi lill-ieħor.

F'dan il-każ ma kien hemm ebda prova li torbot it-twettiq tar-reat mad-9 ta' Marzu, 2005 strettament. Dan b'kuntrast għal dak li jidher fl-eżempji li għadhom kemm ingħataw. Li kieku mill-provi ħarġet din id-data bħala l-unika data tar-reat (per eżempju permezz ta' xi cctv li tindika l-ħin u d-data li jkun qed isir ir-reat), u l-Prosekuzzjoni ma talbitx korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, allura l-appellant kien ikollu raġun. Iżda fil-każ odjern m'hem ebda prova ta' data u ħin eżatt. Isegwi li ma japplikawx ir-referenzi tas-sentenzi mogħtija mill-appellanti għal każ odjern għax dawn il-każi **kollha** (inklużi 'Il-Pulizija vs Warren Piscopo' u 'Il-Pulizija vs Rita (Ruth) Theuma')[1] huma dwar ħin indikat ħażin kif diġa' spjegat fir-rimarki dwar 'Il-Pulizija vs John Briffa' u kollha huma inċidenti fejn ħin awtomatikament jeskludi lill-ieħor.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-tieni Aggravju.**

---

[1] Appell Kriminali ( Inferjuri) 19 t'Ottubru, 2011. Imħallef David Scicluna.

Dan l-aggravju huwa dwar lifters li ttieħdu mill-Pulizija minn fuq il-karozza mingħajr ma dawn il-persuni kienu nħatru f'inkjesta.

Bir-rispett kollu, skont l-artikolu 73 tal-Kap 164, il-Pulizija għandhom l-obbligu u d –dritt li jiġbru tali lifters. Il-Qorti ser tirreferi għas-sentenza li tidher hawn taħt li tispjega l-pożizzjoni ċar li l-Pulizija jistgħu jieħdu tali impronti:

Fil-każ 'Il-Pulizija vs Manuel Cachia' Appell 13/2011 mogħti fit-28 ta' Settembru 2011 intqal dan li ġej:
**'7.** Issa, hi ormai ġurisprudenza stabbilita li esperti li huma uffiċjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' rizultanzi fattwali.1 U fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Awissu 1991 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1992 fl-ismjiet

1 Ara **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Mejju 1991; **John Saliba vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Lulju 1998; **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 16 ta' Dicembru 1998. (Dawn huma footnote fis-sentenza oripġinali)

**'Il-Pulizija v. Longinu Aquilina** (Vol. LXXVI.I.23) intqal:

**"L-ewwel kwezit fir-riferenza hu "Jekk l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija setgħux jiġu nominati mill-Magistrat Inkwerenti biex jelevaw il-marki tas-swaba minn fuq il-post tar-reat". Ir-risposta hi fl-affermattiv, salv ir-rakkomandazzjoni generali li saret aktar 'il fuq, fuq l-opportunita`li f'kull stadju tal-proċedura, kemm jista' jkun jigu nominati mill-Qrati, biex jgħinuhom, persuni li ma humiex ufficjali tal-Pulizija. Hu car li sa dak il-mument il-marki tas-swaba għadhom bla paternita` u ma jistgħux jitqiesu li jirreferu għal xi persuna partikolari. Anki jekk ma jistax jigi eskluż illi xi marka tkun ta' persuna li eventwalment tista' tiġi indizjata bħala l-awtur tar-reat u sussegwentement akkużata li**

**kkommettietu. Dawn il-marki fil-fatt f'dan l-istadju jistgħu jigu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta' l-indagini. L-awtenticita` tal-operat tal-Pulizija , u l-attendibilita` tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soġġetta ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-proċedura, konsegwenzjali għall-indaġini rikjesta. L-opportunita` f'dan l-istadju ghan-nomina ta' persuni li ma jkunux uffiċjali tal-Pulizija tirriżulta għalhekk mill-interess generali tal-ġustizzja u l-amministrazzjoni tagħha u mhux mill-interess partikolari ta' xi ċittadin u l-protezzjoni tad-dritttijiet fundamentali tieghu"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**8.** Tajjeb li ssir referenza wkoll ghad-decizjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn intqal:

**"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of theapplicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).**

**"Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having**

**regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective.”[2]**

Mid-dettalji mogħtija hawn fuq m’hemm assolutament xejn irregolari li l-Pulizija jieħdu t-tali impronti diġitali minn fuq il-post tal-allegat reat.

Għaldaqstant dawn huma ammissibbli u l-Qorti qegħda tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**It-Tielet Aggravju**

Dan huwa li l-lifters instabu fuq barra tal-karozza u mhux fuq ġewwa. Skont l-appellant, din il-vettura ma kenitx garaxxjata u dan ifisser li kull persuna li tgħaddi mit-triq trid toqgħod attenta ferm li ma tmiss mal-ebda karozza.

Dwar dan l-aggravju l-Qorti hawn ser tirreferi għal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta’ Diċembru 2004[3]

‘Il-qofol ta’ l-aggravju ta’ l-appellant għal dak li jirrigwarda l-prova tal-*fingerprints* hu li fil-kaz *de quo* dawn ma seta’ qatt ikunu prova suffiċjenti sabiex tinstab htija fil-konfront tieghu, u dan peress li dawn instabu, skont hu f’post pubbliku, ċioe` f’post fejn jidħlu ħafna nies, u li għalhekk, skont hu, kellu jkun hemm xi forma ta’ “korroborazzjoni”. Din il-Qorti ma taqbilx. L-impronti digitali (u dawk palmari)

---

[2] Ara wkoll ‘Il-Pulizija vs Noel Frendo tat-30 ta’ Diċembru 2004’ fejn intqal hekk:

‘Ma hemm xejn fil-ligi li jeskludi li l-pulizija jitolbu l-impronti digitali u palmari ta’ persuni li jkunu qed jigu minnhom Investigati. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 554 tal-Kodici Kriminali (introdott bl-Att XXIX tal-1990) kien intiz mhux biex jawtorizza lill-pulizija li jiksbu l-impronti ta’ persuni suspettati meta dawn ta’ l-ahhar jaghzlu li jaghtu dawn l-impronti, izda biex fil-kaz fejn persuna suspettata tirrifjuta li taghti dawn l-impronti il-Magistrat ikun jista’ jordna li dawn jittiehdu anke kontra l-volonta` tas-suspettat.’

[3] Il-Pulizija vs Noel Frendo – Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) Jippresdiedi l-Imħallef Vincent De Gaetano

huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz ***DPP v Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."* Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvinċix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw għall-anqas għal tentattiv ta' dak ir-reat.'

Din is-sentenza tispjega tajjeb ħafna li l-kwistjoni mhix jekk il-fingerprinti instabitx f'post pubbliku jew le. Iżda jekk il-ġudikant hux konvint li dik l-impronta saret mill-persuna lil taħgha hija l-impronta waqt il-kummissjoni tar-reat.

Mill-provi jirriżulta li

(i) fuq il-karozza ma nstabitx impronta waħda iżda instabu tnejn.

(ii) U dawn instabu 'fuq il-bieb tal-passiġġier minn barra' u fuq il-ħġieġa tal-passiġġier minn barra' – mhux 'l hemm u 'l hawn fuq il-body tal-karozza iżda lokalizzati f'post ristrett għall-aħħar;

(iii) Skont l-istqarrija tal-appellant huwa ma kellux għalfejn imur fil-post fejn seħħ ir-reat (fol 12).

(iv) L-impronti kienu elevati fl-10 ta' Marzu 2005 ftit ħin wara li kien kommess ir-reat;

(v) Bħalma rrimarkat din il-Qorti diversament preseduta f'sentenza oħra, l-impronti diġitali ma jsibux ruħhom mal-bibien tad-djar kif ġieb u leħaq.

'Fil-kors normali tal-ħajja n-nies ma joqogħdux iċappsu idejhom ma' bibien tan-nies, speċjalment bibien li ma jintużawx.'[4]

L-istess rimarka qed tagħmel din il-Qorti. L-impronti diġitali ma jsibux ruħhom fuq il-karozzi – wkoll jekk il-karozza tkun barra t-triq –malajr. Normalment in-nies jippruvaw ma jmissux mal-karozzi biex ma jitħammġux b'xi trab li jista' jkun hemm. U l-aktar li jistgħu jintlaqtu huma l-mirja tal-karozzi jekk dawn ma jkunux magħluqin.

(vi) Il-kaorzza kienet ilha għand sidha erbat ijiem biss. Għalhekk il-probabilita' matematika li l-karozza kellha tintmiss għax kompliet naqset hekk kif id-denominator matematiku komplu jirranka.

(vii) Jekk wieħed iqis il-popolazzjoni ta' Malta u, għall-prattiċita' jaqtagħha bin-nofs biex jelimina xjuħ, trabi, u nies li forsi ma tantx jersqu lejn l-inħawi, in-numru ta' karozzi f'Malta li jkun ukoll imnaqqas bin-nofs, u jekk dan tkompli timmoltiplikah kii persuna tista' tħalli żewġ impronti diġitali prattikament fl-istess post tal-karozza, allura l-probabilita' matematika li persuna tħalli żewġ impronti diġitali hija remotissima.

Wara li l-Qorti kkonsidrat dawn is-seba' punti, ikkonkludiet li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet u li għamlet konklużjoni li hija kemm safe kif ukoll satisfactory.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju.

**Ir-raba' aggravju. L-Ispjegazzjoni**

Il-Qorti ser tgħid mill-ewwel li l-appellant ma jiħtieġlu jipprova xejn. Hekk intqal fis-sentenza 'Il-Pulzija kontra Pierre Buttigieg' [5]

'l-appellant bħal kull akkużat iehor, mhu obbligat li jispjega xejn u hija dejjem il-prosekuzzjoni, salv fil-kazijiet limitati

4

5 17 ta' Settembru 2008 – Qorti tal-Appell Kriminali – presedut mill-Imħallef Dr Joe Galea Debono

fejn il-liġi tinverti l-oneru tal-prova, li trid tipprova l-kaz tagħha mingħajr dubju dettat mir-raguni.'

Din il-Qorti taqbel ma' dak li ntqal f'din is-sentenza għaliex l-oneru tal-prova huwa fuq il-Prosekuzzjoni sakemm il-Liġi ma tipprovdix mod ieħor.

Il-Qorti stiednet lill-partijiet jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom mhux dwar li l-oneru tal-prova jinqaleb fuq l-akkużat iżda meta wieħed jsitenna xi forma ta' spjegazzjoni. Id-dritt tal-appellant jew akkużat li jibqa' sieket jibqa' bla mittiefes u xorta jista' jagħżel li ma jgħid xejn kemm hu kif ukoll permezz tal-avukat tiegħu waqt it-trattazzjoni.

In-Noti ippreżentati miż-żewġ partijiet kienu mħejjijin tajjeb.  It-tliet każi ċċitati mill-Prosekuzzjoni kollha huma dwar jekk meta jkun hemm 'fingerprint', il-Qorti jkollhiex quddiemha xi spjegazzjoni li  jkun ta l-akkużat  u mhux xi prova.

Min-naħa l-oħra r-risposta tad-difiża hija ppernjata fuq l-oneru tal-prova.

Il-Qorti apprezzat is-sottomissjonijiet miktuba (u dawk orali) taż-żewġ partijiet.  Id-difiża talbet lill-Qorti biex tisfilza n-Nota tal-Prosekuzzjoni għax, skont id-difiża, din ma kenitx mal-linja mogħtija fil-verbal (fol 109).  Il-Qorti mhix tilqa' din it-talba għaliex il-Prosekuzzjoni fehmet tajjeb il-verbal u mxiet strettament miegħu.  Għalkemm idd-idfiża donnha interpretat il-verbal fuq l-inverżjoni tal-oneru tal-prova, fil-fehma tal-Qorti, in-nota tad-difiża hija waħda valida wkoll għaliex bid-differenza fl-interpretazzjoni, il-kwistjoni ċċarat ruħha aktar.

Effettivament dan hu li qalet il-Qorti fil-każ 'Il-Pulizija kontra Alfred Bugeja' fit-22 ta' Novembru, 2012, Qorti tal-Appell Kriminali, kif preseduta mill-Imħallef David Scicluna:

‘Dak li hu pależi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni raġonevoli ta’ kif impronta ta’ idu l-leminija tħalliet propja fuq it-tieqa sgassata tal-uffiċju tal-Mid-Med.’

L-istess Imħallef irrepeta l-istess frażi fil-każ ‘Il-Pulizija vs Josef sive Joseph Sharfid’ fit-23 ta’Mejju 2012:

‘l-appellant ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensuri tiegħu biex tikkonvinċi lill-ġudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innoċentement fuq bieb li ma kellux jintuża mill-appellant ġaladarba dak kien jagħti direttament għall-uffiċju tad-direttriċi.’

L-istess intqal fil-każ ‘Il-Pulizija v Noel Frendo’ tat-30 ta’ Diċembru, 2004 – jippresiedi l-Imħallef Dr Vincent De Gaetano:

‘Fin-nuqqas ta’ xi spjegazzjoni, imqar fuq bażi ta’ probabilita’, ta’ kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiċċaw fuq l-oġġetti misjuba ġewwa l-kaxxa, l-Ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq oħra għajr li ssib lill-appellant ħati skont l-imputazzjoni.’

U fl-aħħarnett l-istess intqal fis-sentenza ‘Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg’ fis-17 ta’Settembru, 2008, din id-darba taħt il-presidenza tal-Imħallef Dr Joseph Galea Debono:

‘Fil-process kriminali fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, d-difiża biżżejjed li, b' xi prova li tagħmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x' aktarx iva milli le ikun ġara kif qed jintqal f' dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naħa tagħha, tista' tagħmel sottomissjonijiet u tipprospetta teżijiet difensjonali li jistgħu iwasslu biex jiskagjonaw lill-akkużat. Anki hawn, biżżejjed li dawk is-sottomissjoinijiet jilħqu l-grad tal-probabbli.

Għalhekk għalkemm l-akkużat appellant ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt - kif kellu dritt - ma xehedx biex jispjega kif il-pala ta' idejh proprju ħalliet l-impronta tagħha

fuq il-bieb ta' barra laterali li ġie sgassat, mill-banda l-oħra ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite ssottomissjonijiet tad-difensuri tiegħu biex tikkonvinċi lill-ġudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innoċentement.'

Bħal dawn it-tliet ġudikanti din il-Qorti ma stenniet ebda prova min-naħa tal-appellant għaliex dan mhux każ fejn il-Liġi titfa' l-oneru fuqu. Iżda mbagħad fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ( b'differenza minn prova) jkollha tiddeċiedi fuq il-fatti li għandha quddiemha.

L-Ewwel Qorti ġibdet il-konklużjonijiet tagħha mill-provi li kellha. L-istess qed tagħmel din il-Qorti kfi uriet fid-dettall hija u teżamina t-tielet aggravju.

Lanqas ma hu eżatt li wieħed jistenna xi korroborazzjoni meta impronta tinstab f'post pubbliku. Dwa dan il-punt ingħad dan li ġej:

'Mill-banda l-oħra lanqas hu korrett l-appellant meta jgħid fir-rikors tal-appell li : *"Fi kliem sempliċi irid ikun hemm aktar minn prova ċirkostanzjali waħda."* Prova indizjarja waħda, jekk tkun univoka w ma tagħti lok ghall-ebda spjegazzjoni oħra għajr dik tal-ħtija tal-akkużat, tista' tkun biżżejjed biex fuqha biss tinstab dik il-ħtija.'[6]

Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal fil-paragrafi ta' qabel u fid-dawl ta' dak li ntqal dwar it-tielet aggravju, il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju tal-appellant.

**Il-Ħames Aggravju.** Jekk il-Qorti tal-Maġistrati Kellhiex is-setgħa li tieħu l-impronti diġitali tal-akkużat.

Hawnhekk il-Qorti l-ewwel ser tiċċara punt. Kif diġa' ntwera fis-sommarju tal-provi, mill-verbal a fol 33, il-Pulizija talbu li jixhed PS 46 Charlo Casha dwar l-impronti

[6] Appell Kriminali (Inferjuri)Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg 17 ta' Settembru 2008. Presedut mill-Imħallef Dr Joe Galea Debono.

diġitali li ttieħdu mill-Pulizija ai termini tal-astikolu 73 tal-Kap 164 kif ukoll ai termini tal-artikolu 346 et seq tal-Kap 9.

Minflok il-Qorti ordnat lill-espert Joseph Mallia li kien preżenti fl-awla jespleta l-inkarigu tiegħu fuq l-impronti li ttieħdu fil-preżenza tal-Qorti. (ara wkoll fol 24 fejn id-difiża kienet oġġezzjonat li jittieħdu tali impronti diġitali.) Skont dan il-verbal a fol 24 il-Qorti kellha tagħti digriet.

Id-difiża għamlet appell minn digriet li ngħata fit-23 t'Ottubru, 2008 wara li l-Qorti kienet ordnat li jittieħdu l-impronti diġitali.

L-argument ewlieni tad-difiża huwa li l-Qorti kienet Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u mhux Qorti Istruttorja. Għaldaqstant il-Qorti ma kellhiex l-istess poteri.

Dwar dan l-artikolu 525 (3) tal-Kap 9 jgħid hekk:

'Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 397, mutatis mutandis, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 467 u tal-artikolu 623, jgħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) jew taħt xi dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.'

Matul it-trattazzjoni d-difiża rrispondiet li l-applikazzjoni tal-artikolu 397 hija estiża biss għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati oriġinali biss. Iżda minn qari akurat tal-artikolu 525(3), jirriżulta li l-artikolu 397 japplika wkoll 'taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.'. Il-Qorti qed tirreferi wkoll għas-sentenza 'Il-Pulizija kontra Angelo Grima' tat-18 t'Ottubru, 1952 deċiżjoni mill-Imħallef William Harding – Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fejn il-ġudikant kien iffaċċjat bi problema simili ħafna fejn kien involuti ittri rogatorji.

Iżda din il-Qorti żżid ukoll li wieħed irid juża s-sens komun. Ma jagħmel ebda sens li Qorti tkun prekluża milli tfittex il-verita', għandha kemm għandha kompetenza. Il-leġislatur, biex ikun jista' jingħata ġudizzju fi żmien

raġonevoli, jagħżel li jestendi l-massimu tas-snin biex il-proċeduri jistgħu jkunu sommarji. Dan ma għandux ikun interpretat bħala ostakolu biex Qorti tara li ssir ġustizzja. Lanqas ma jagħmel sens li qorti li għandha kompetenza iżgħar ikollha aktar poteri biex tikxef il-veirta' minn Qorti li għandha kompetenza akbar.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti waqt li qed tiddikjara li qed tiddeċiedi dwar id-digriet mogħti fit-23 t'Ottubru 2008, qegħda wkoll tiċħad il-ħames aggravju tal-appellant.

Dwar l-aggravju dwar il-piena, il-Qorti ser tipprovdi fil-konklużjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha, u s-seba' raġunijiet li tat taħt it-tielet aggravju, wara li qieset ukoll li l-appellant kellu biss 19-il sena fis-sena 2005, li kellu trobbija xi ftit diffiċli iżda li llum jinsab impjegat u miexi tajjeb, il-fedina netta tiegħu, qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati mogħtija fl-ismijiet premessi fil-5 ta' Lulju 201, billi qed tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni u fejn ordnatlu wkoll li jħallas lid-derubat is-somma ta' €700 u qed tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal sena priġunerija sospiża għal erba' snin u minflok qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat fi żmien tliet snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 kif ukoll. Il-Qorti qed twissi lill-appellant li jekk iwettaq xi reat ieħor fi żmien tliet snin, allura l-Qorti imbagħad tieħu in konsiderazzjoni l-piena li jkollha tingħata f'dan il-każ bl-applikazzjoni, jekk ikun jinħtieġ tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9. Qed twissi wkoll li ai termini tal-artikolu 249(2) il-ħlas tad-dannu jitqies bħala dejn ċivili u jista' jkun inforzat bħal kull sentenza oħra. Fl-aħħarnett qed tagħti lill-appellant sena ċans mil-lum biex jitħallas is-somma ta' flus indikata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------